**2 ta' April, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W Harding B.A., LL.D., F.S.A.,F.S. Hist. S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic. Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Karmenu Mifsud Bonnici *noe et*

*versus*

John Scicluna *noe*

**Kostituzzjoni – Awtorità Tax-Xandir – Validità**

*Is-sottomissjoni li l-Awtorità tax-Xandir ma hiex kostitwita validament, fin-nuqqas tal-presentata ta' l-azzjoni idonea għal tali dikjarazzjoni, ġiet miċħuda mill-Qorti Kostituzzjonali.*

Il-Qorti:- Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu, 1990, li minnu jirriżulta li l-atturi appellati ddikjaraw li huma mhuwiex qegħdin jirrununzjaw l-oppozizzjoni tagħhom għall-Awtorità tax-Xandir inkwantokkè jirritjenu li l-Awtorità tax-Xandir mhix validament u regolarment kostitwita skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u dana nonostante li fit-terminu prefiss ma pproponew l-azzjoni f'ġudizzju separat u kwindi ssottomettew li din il-Qorti għandha xorta waħda tieħu konjizzjoni ta' din il-materja in vista tal-fatt jekk l-Awtorità mhijiex kostitwità regolarment lanqas tista' tipproponi r-rikors, liema punt, skond l-istess verbal, tħalla għad-deċiżjoni;

Semgħet lid-difensuri;

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Għall-istess raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-lum stess li għalihom tagħmel riferenza;

Tiċħad is-sottomissjoni magħmula bl-imsemmi verbal li xorta waħda għandha tieħu konjizzjoni ta' l-imsemmi punt -bl-ispejjeż kontra l-appellati.